MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Numru. 821/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR TONY CACHIA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**
**VS**
**MARIUS MAGRI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Marius Magri ta’ 55 sena, bin Nazzarenu u Carmela nee’ Grech, mwieled Qormi nhar it- 12 ta’ Ottubru 1957, residenti 74, Triq il- Kbira Qormi u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 700257M;

Talli ;

1) Fis- 17 ta’ Lulju 2011, ghall- habta tas- 2.00pm fi Triq San Bastjan Qormi, ingurja u hedded permezz ta’

sikkina jew strument li jaqta' u bil- ponta, persuna ta' wiehed inkarigat skont il- ligi minn servizz pubbliku u cioe tal- Maggur 489 George Attard stazzjonat distrett ta' Hal Qormi minhabba li dan tal- ahhar kien ghamel dan is-servizz, jew bil- hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l- ligi fl- esekuzzjoni ta' dak is- servizz;

2) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel rezistenza bi vjolenza ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il- ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal- ligi;

3) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi filwaqt tar- rezistenza kellu arma u cioe xi sikkina jew strument li jaqta' u bil- ponta, li ha minn qabel bil- hsieb li jghin dik ir- rezistenza u nqabad b' dik l- arma fuqu;

4) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi garr il' barra minn xi fond u dintorni tieghu u cioe' fuq il-persuna tieghu xi sikkina jew xi strument li jaqta' u bil-ponta ta' liema xorta minghajr ma kellu licenzja jew permess minn ghand il- Kummissjoni tal- Pulizija;

5) Aktar talli fl- 24 ta' Gunju 2011 kiser volontarjamen il- bon ordni u l- kwiet pubbliku b' ghajjat u storbju gewwa l- ghassa tal- Pulizija ta' Hal Qormi.

6) Aktar talli matul il- gimgha ta' bejn l- 20 u s- 26 ta' Gunju 2011 m' obdiex l- ordinijeit legittimi tal- awtorita' jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku u cioe tal-Maggur 489 George Attard u ma halliehx u fixklu waqt li kien qed jaghmel dmirijietu, billi ma halliehx jaghmel dak li b' ligi kien ordnat jew jista' jaghmel;

7) Aktar talli sar recidiv meta ghamel reat iehor wara li gie kkundannat minn Qorti Maltija ghal reat b' sentenza li saret definittiva;

8) Aktar talli waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill- Qorti tal- Magistrati ta' Malta ikkommetta reat iehor;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fis-17 ta’ Lulju 2011, f’xi hin tas-2.00pm, waqt il-marc tal-festa ta’ San Bastan f’ Hal Qormi, l-imputat kien qalb in-nies meta lemah lis-surgent maggur tal-Pulizija, SM 489 George Attard, u qabad jehodha mieghu f’nofs in-nies rigward xi permess li ppretenda li jinghata mill-Pulizija. Fil-pussess tieghu kellu sikkina, li izda ma harigiex minn fuqu. Aktar tard fl-istess gurnaa, ftit hin biss wara, xi membri tal-Korp indunaw li l-imputat kellu fuqu sikkina qalb in-nies tal-marc, u marru jarrestawh, peress illi seta’ kien ta’ perikolu ghal terzi. Hu rresista l-arrest, izda gie mehud l-ghassa tal-Pulizija u sussegwentement tressaq b’arrest f’din il-kawza.

Mill-Provi prodotti rrisulta li l-imputat kellu kwistjoni mal-Pulizija rigward xi permess biex ibigh luminata fil-festi tar-rahal. Il-Pulizija kienu ppruvaw jispjegawlu li l-permessi kienu qed jinhargu mill-Kunsill Lokali u mhux minnhom, izda hu dahhalha f’mohhu li kien il-maggur Attard li ma hariglux dan il-permess. Ghalhekk, fil-festa ta’ San Bastjan, fid-data u l-hin indikati, hu mar ifittex lill-maggur biex jiehu s-soddisfazzjon. Ghalkemm l-imputat gie bil-paroli mal-maggur fil-hin li sabu, ma harigx is-sikkina ghalih. Madankollu, hu kellu fil-pussess tieghu din is-sikkina, u l-Qorti ma inghatat l-ebda spjegazzjoni ghalfejn kellu din l-arma fuqu. Aktar tard, meta lahaq telaq minn fuq il-post, xi Pulizija ohra rawh bis-sikkina, u arrestawh minnufih. Ghalkemm irresista l-arrest, il-Pulizija zammewh, u ttiehdet stqarrija fl-ghassa ta’ Hal Qormi mill-Ispettur Joseph Agius, fejn l-imputat ammetta li kellu sikkina fuqu.

Il-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduci bhala prova s-sentenza fil-konfront tal-imputat ghall-fini tal-addebitu tar-recidiva, kif ukoll ghall-fini ta’ kommissjoni ta’ reat waqt il-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza. Din is-sentenza fil-fatt kienet giet esebita wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li kienet ghalqet il-provi taghha, u ghalhekk il-Qorti ordnat li l-istess dokument jigi sfilzat mill-process. Min-naha tieghu, l-imputat inghata diversi appuntamenti fl-istadju tal-provi tieghu sabiex jixhed hu u jressaq il-provi tieghu, izda dan baqa’ ma ghamlux, u ghalhekk il-Qorti ddikjarat il-provi tad-difiza bhala maghluqa u ghaddiet ghas-sentenza fuq il-provi migbura.

Minn esami ta’ dawn il-provi, il-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi, salv ghall-ahhar zewg imputazzjonijiet, minhabba n-nuqqas tal-esibizzjoni tas-sentenza fil-konfront tal-imputat. L-akkuzi l-ohra, izda, kollha jirrisultaw. Huwa evidenti li l-imputat kellu xi jghid mal-maggur fuq xi permess tal-festa, u huwa ammess minnu li kellu fuqu sikkina waqt dan l-argument, ghalkemm fil-verita’ hu qatt ma hedded lill-maggur f’wiccu bl-istess sikkina. Kien biss ftit mumenti wara li telaq minn fuq il-post li l-imputat hareg is-sikkina minn wara dahru, meta ma kienx hemm il-maggur presenti quddiemu, izda t-theddida ghalhekk kienet ghadha hemm, u ma trid xejn biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni x’kellu f’mohhu, aktar u aktar meta l-Pulizija semghuh ighid li b’din (cioe’ s-sikkina) kien ser “ixoqqu” lill-maggur. Dan xehdu s-surgent 191 Luke Bugeja a fol. 63 tal-process. F’dak il-waqt, kif gia’ gie rilevat, il-maggur ma kienx presenti.

Kwantu ghall-piena, peress li l-imputat ma jirrisultax li hu recidiv, il-Qorti m’hix prekluza milli taghti piena ta’ prigunerija sospiza. Il-Qorti qieset sew il-parametri tal-piena applikabbli ghal dan il-kaz. Ghalkemm ir-recidiva ma rrisultatx, madankollu l-Qorti xorta rat il-fedina penali xejn inkoragganti tal-imputat. Il-kundanni li nghatawlu u li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni huma tnejn. L-ewwel wahda kienet ta’ erba’ xhur prigunerija fuq pussess ta’ cannabis fit-12 ta’ Mejju 2005, liema reat kien jirrisali ghas-sena 2002. It-tieni kundanna inghatat fl-24 ta’ Lulju

2009, izda r-reat ta' nuqqas ta' hlas ta' dazju fuq magni tal-loghob kien jirrisali ghas-sena 1992, u kien inghata sentenza sospiza. Ghalhekk donnu kull ghaxar snin bl-arlogg, l-imputat ifettillu jaghmel reat ta' certa portata. Illi ghalhekk, il-Qorti ma thossx li ghandha taghti piena ta' prigunerija effettiva f'dan il-kaz. Huwa minnu li r-reat kien wiehed serju. Huwa minnu li theddid fuq ufficjali tal-Pulizija ghandu jittiehed bl-akbar serjeta'. Huwa minnu wkoll – minghajr skuzanti ta' xejn – li dakinhar l-imputat kien ftit xurban u kien irrabjat ghall-maggur, u ghalhekk mar jaghmel bravata biex ibezza' jew jipprova jimpressjona. Il-Qorti ghandha zzomm bilanc meta tigi biex tikkalibra l-piena f'kaz bhal dan. In vista li t-theddid ma sarx direttament lill-maggur, izda sar minn wara dahru, allura l-Qorti tara li l-imputat aktar kellu l-hsieb li jaghmel l-arja milli jidrob jew jaghmel hsara lill-maggur. Li kieku kien hekk, din il-Qorti minghajr esitazzjoni ta' xejn kienet tikkundanna lill-imputat bl-aktar mod sever possibbli, izda mill-assjem tal-provi, ghalkemm qed tinstab htija fl-imputat, fil-piena l-Qorti mhix qed tara l-estremi ghall-kundanna ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 95, 95(a), 97, 338(dd), 49 u 28 B tal-Kap 9 u Artikolu 6 tal- Kap 480 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati tas- seba' (7) u t-tmien (8) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah minnhom.
Issibu hati tal- ewwel (1), it- tieni (2), it- tielet (3), ir- raba' (4), il- hames (5) u s- sitt (6) akkuzi u ghaldaqstant tikkundannah tmintax (18)- il xahar prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------